MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 21/2019/1 LM

**Sofia Sciberras Narmenia (K.I. 64847A)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Martin Vella għan-nom tas-soċjetà MBR Publications Limited (C 66371)**
*("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul minn Martin Vella għan-nom tas-soċjetà intimata **MBR Publications Limited (C 66371)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mis-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Frar, 2020, [minn issa 'l quddiem

"is-sentenza appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda ir-rikors tar-rikorrenta **Sofia Sciberras Narmenia (K.I. nru. 64847A)** [minn issa 'l quddiem "l-appellata"], billi laqa' t-talbiet tagħha u kkundanna lis-soċjetà appellanta tħallas is-somma ta' €1,500.00 (elf u ħames mitt Euro), bl-imgħax legali mid-data tal-kunċert inkwistjoni, jiġifieri mill-10 ta' Lulju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà appellanta noe.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw il-ħlas tal-prestazzjoni tas-servizz mogħti mill-appellata lis-soċjetà appellanta, meta l-appellata kienet attwalment daqqet il-pjanu f'avveniment fl-10 ta' Lulju, 2015, waqt il-*Malta Best Entrepreneur Award 2015.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata istitwiet il-proċeduri odjerni permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fit-12 ta' Frar, 2019, fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà appellanta sabiex tħallas lill-appellata s-somma ta' €1,500.00 (elf u ħames mitt Euro), inklużi l-ispejjeż ta' dik il-proċedura u tal-ittra uffiċjali nru 953/18, bl-imgħaxijiet legali.

4. Permezz ta' deċiżjoni *in parte* [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni *in parte"*] mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019, it-Tribunal ċaħad it-talba tas-

soċjetà appellanta sabiex tingħata permess tippreżenta risposta tardiva, filwaqt li t-Tribunal iddikjara li din kienet tinstab fi stat ta' kontumaċja.

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ra wkoll l-affidavit tal-**<u>attriċi</u>**, li qalet li kienet inkarigata mill-konvenut sabiex iddoqq il-pjanu fl-10 ta' Lulju 2015 fl-attività Malta Best Entrepreneur Awards. Is-servizzi mitlub minnha l-attrici għamlitu, izda l-konvenut baqa' ma ħallasx, minkejja li fakkritu diversi drabi. Il-konvenut aċċetta li għandu jħallas dan l-ammont tant li anke talab lill-attriċi sabiex tibgħat l-*invoice *u talabha d-dettalji tal-bank, hekk kif jirriżulta mid-dokumenti annessi mal-affidavit tal-attriċi. Għal iktar minn darba l-konvenut qal li l-*accountant *ħa joħroġ iċ-*cheque *bil-ħlas, u kien hemm ukoll darba fejn qal liħa jagħmel iċ-*cheque *hu nnifsu għaliex l-*accountant *ma setax.*
>
> *Illi dan kollu juri li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar is-servizz li tat l-attriċi u l-ħlas li kienet qed titlob għall-istess. Il-korrispondenza esebita mill-attriċi, b'wegħdiet fiergħa ta' ħlas minn darba għall-oħra, turi biċ-ċar illi l-konvenut nomine kien qiegħed itawwal kemm jista' u jevadi l-obbligu li jħallas.*
>
> *It-Tribunal sema' anke t-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur tal-konvenuti, li permezz tagħha ma ġie preżentat l-ebda punt validu għalfejn l-attriċi m'għandhiex titħallas għas-servizz li tat."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-12 ta' Marzu, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar,

tannulla u tirrevoka kemm is-sentenza *in parte*, kif ukoll is-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet tal-appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Dawn huma ż-żewġ aggravji li qed tressaq is-soċjetà appellanta: (i) it-Tribunal ma mexxiex skont il-liġi meta ddeċieda li s-soċjetà appellanta kienet kontumaċi; (ii) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellata għażlet li ma tippreżentax risposta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li qal it-Tribunal fis-sentenza *in parte* u anki fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal ma mexxiex skont il-liġi meta ddeċieda li s-soċjetà appellanta kien kontumaċi*

9. Is-soċjetà appellanta tħoss ruħha aggravata li t-Tribunal iddikjara fid-deċiżjoni *in parte* li hija kienet kontumaċi stante li kienet naqset li tippreżenta r-risposta tagħha fit-terminu stabbilit mil-liġi. Tissottometti li r-regolament 4 tal-L.S. 380.01 jipprovdi li l-preżentata ta' risposta mhijiex obbligatorja, iżda fakoltattiva. In sostenn tal-argument tagħha, is-soċjetà appellanta tgħaddi

sabiex iżid siltiet *verbatim* mis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2010, fl-ismijiet **John Bartolo *vs.* Celestino Cini** u anki tiċċita minn diversi sentenzi oħra tal-istess Qorti.

10. Din il-Qorti tixtieq qabelxejn tagħmel riferiment għal sentenza tagħha deċiża f'dawn l-aħħar jiem fit-18 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet **Automated Revenue Management Services Ltd *vs.* Dhalia Valletta Ltd**[1] fejn iddikjarat l-appell tas-soċjetà intimata bħala irritu u null stante l-preżentata tardiva tar-rikors tal-appell, u dan filwaqt li ċċitat silta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tat-3 ta' Diċembru, 2014, fl-ismijiet **Carmelo Galea *vs.* Olga Agius et**[2] fejn ġie senjalat:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-<u>sentenza</u> tal-20 ta' Jannar, 1986 fil-kawża fl-ismijiet **Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro**, deċiżjoni ta' Qorti tal-ewwel grad dwar il-ġustifikazzjoni o meno tal-kontumaċja mhix sempliċi digriet interlokutorju, iżda sentenza vera u proprja. Bħala tali – u indipendentement mill-Artikolu 231(1) – ir-rikors ta' appell kellu jigi preżentat fi żmien għoxrin jum mid-data ta' dik is-sentenza – Artikolu 226(1), Kap. 12. F'każ fejn ikun hemm bżonn il-permess skont l-Art. 231(1), xorta waħda l-appell irid jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza – ara f'dan ir-rigward **Markiża Beatrice Cremona Barbaro of St George noe v. Joseph Vella Galea et** Qorti tal-Appell, 16 ta' Diċembru, 2003 (fn. 3 Ara wkoll* passim ***Gorg Vella noe et v. Reverendu Charles Cordina*** *Qorti tal-Appell, 9 ta' Frar, 2004)."*

11. Fil-każ odjern is-soċjetà appellanta naqset milli tosserva d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 226(1) tal-Kap. 12, għaliex jirriżulta li t-terminu ta' għoxrin jum mid-data tas-sentenza *in parte* mogħtija mit-Tribunal fit-30 ta'

[1] App. Ċiv.(Inf.) 87/18LM.
[2] App.Ċiv. (Sup.) 1547/1998.

Settembru, 2019, laħaq iddekorra sew meta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-12 ta' Marzu, 2020.

12. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tikkunsidra l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta.

*It-tieni aggravju: it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi*

13. Is-soċjetà appellanta tirrileva li hija tħossha wkoll aggravata bid-deċiżjoni appellata, għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi u tal-fattispeċje tal-każ odjern. Dan għaliex il-fattura li ġiet esebita u maħruġa mill-appellata ma kinitx fattura valida fil-liġi.

14. Il-Qorti tosserva li s-soċjetà appellanta mhux qed tindika għaliex il-fattura inkwistjoni, li l-Qorti tifhem hija dik li kopja tagħha tinstab esebita *a fol.* 36 tal-proċess, mhijiex waħda valida *ai termini* tal-liġi. Fis-sottomissjonijiet finali quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tas-soċjetà appellanta jiċċara dan il-punt meta jiddikjara li l-fattura mhix waħda fiskali. Iżda l-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta ma tistax b'daqshekk taħrab l-obbligu tagħha għall-ħlas, għaliex it-talba għall-ħlas magħmula mill-appellata hija waħda valida, fejn is-soċjetà appellanta saħansitra ma ssib l-ebda nuqqas ieħor għajr dak allegat dwar il-fattura. Dan jingħad filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li s-soċjetà appellanta għandha kull dritt li tingħata irċevuta fiskali wara li jsir il-ħlas da parti tagħha, u fin-nuqqas hija tista' timxi skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta iżda mhux quddiem din il-Qorti.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza *in parte* u anki s-sentenza appellata fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi u dawk ta' dan l-appell għandhom ukoll ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**